DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1037

tat-23 ta' Mejju 2016

dwar il-miżuri SA.32184 – 2013/C (ex 2013/NN) u SA.32669 – 2013/C (ex 2013/NN) implimentati mid-Danimarka għal impjanti ta' sħana u enerġija kkombinati u għal fornitur tal-elettriku li jaffettwaw is-suq tar-regolamentazzjoni tal-enerġija

(notifikata bid-dokument C(2016) 3003)

(It-test bid-Daniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fuq [1] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' sottomissjoni elettronika datata d-29 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni rċiviet ilment mingħand Smørum Kraftvarme li jqajjem tħassib dwar l-allegata għajnuna illegali mill-Istat mogħtija lil DONG Energy. Dan l-ilment ġie rreġistrat taħt il-każ numru SA.32184.

(2) Permezz tal-ittra datata t-23 ta' Frar 2011, il-Kummissjoni rċiviet ilment mingħand l-Assoċjazzjoni tar-Regolamentazzjoni tal-Enerġija fid-Danimarka (Brancheforeningen for Regulerkraft I Danmark, "BRD"), li qajjem tħassib dwar għajnuna mill-Istat allegatament illegali mogħtija lil impjanti ta' sħana u enerġija kkombinati deċentralizzati ("impjanti DCHP") u lil DONG Energy. Dan l-ilment ġie rreġistrat taħt il-każ numru SA.32669.

(3) Wara korrispondenza ulterjuri u valutazzjoni tal-kwistjonijiet imressqa mill-ilmentaturi, permezz tal-ittra datata l-5 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni informat lid-Danimarka li hi kienet iddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat rigward uħud mill-allegazzjonijiet li saru fiż-żewġ ilmenti (id-"deċiżjoni tal-ftuħ").

(4) Id-Danimarka pprovdiet il-kummenti tagħha fit-8 ta' Lulju 2013.

(5) Fit-8 ta' Awwissu 2013, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti bidu għall-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

[1] ĠU C 230, 8.8.2013, p. 23.
[2] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

(6) Il-Kummissjoni rċiviet kummenti mingħand BRD fil-5 ta' Settembru 2013 u fl-10 ta' Marzu 2014, u mingħand DONG Energy fid-9 ta' Settembru 2013. Ma wasal l-ebda kumment mingħand Smørum Kraftvarme. Il-Kummissjoni għaddiet il-kummenti lid-Danimarka, li ngħatat l-opportunità li twieġeb. Id-Danimarka bagħtet il-kummenti tagħha dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet terzi fis-17 ta' Marzu 2014 u fid-9 ta' Diċembru 2014.

(7) Id-Danimarka pprovdiet ukoll tweġibiet għal mistoqsijiet ulterjuri li saru mill-Kummissjoni fil-5 ta' Frar 2015, fl-10 ta' Ġunju 2015 u fis-7 ta' Diċembru 2015.

2. **DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURI**

2.1. **Sfond**

2.1.1. *L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku tad-Danimarka, Energinet.dk*

(8) L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni fid-Danimarka hu Energinet.dk. L-Att dwar Energinet.dk jirrikjedi li Energinet.dk ikun involut f'attivitajiet ta' operar tas-sistema u f'attivitajiet ta' trażmissjoni tal-elettriku, inkluż li jaġixxi bħala operatur indipendenti tas-sistema ta' trażmissjoni. Energinet.dk hu responsabbli biex jiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u, biex iwettaq dan il-kompitu, irid iżomm kwalità teknika u bilanċ fi ħdan is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija interkonnessa, u jiżgura li jkun hemm kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti fis-sistema.

(9) Energinet.dk hu organizzat bħala impriża pubblika indipendenti skont l-Att dwar Energinet.dk. Hu organizzat bħala entità ġuridika separata, regolata minn bord superviżorju. Il-Ministru Daniż għall-Klima, għall-Enerġija u għall-Bini jaħtar tmienja mill-ħdax-il membru tal-bord superviżorju, inkluż il-President. Il-Ministru jkollu laqgħat kull trimestru mal-bord superviżorju, u jista' jitlob laqgħat ad hoc addizzjonali. Il-membri tal-bord superviżorju huma meħtieġa jħaddmu bord eżekuttiv kwalifikat li jieħu ħsieb il-ħidma ta' kuljum ta' Energinet.dk. Energinet.dk jikkontrolla l-fondi ta' investiment u ta' ġestjoni tiegħu stess.

2.1.2. *Is-swieq tal-elettriku u tas-servizzi anċillari tad-Danimarka*

(10) Fis-swieq tal-elettriku, il-parteċipanti fis-suq jistgħu jinnegozjaw l-enerġija liberament minn qabel ma l-elettriku jiġi ġġenerat jew ikkonsmat ("fħin reali"). "Ġurnata bil-quddiem" tirreferi għas-suq li fih l-elettriku jiġi nnegozjat ġurnata bil-quddiem qabel ma l-elettriku nnegozjat jiġi pprovdut jew ikkonsmat. "Tal-istess ġurnata" tirreferi għas-suq li fih l-elettriku jiġi nnegozjat bejn ġurnata u siegħa qabel ma l-elettriku nnegozjat jiġi pprovdut jew ikkonsmat. Fi tmiem in-negozjar tal-istess ġurnata f'dak li jissejjaħ "l-għeluq tan-negozju" (fid-Danimarka, siegħa qabel il-ħin reali), l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jieħu l-kontroll tas-suq biex jiżgura li l-provvista u d-domanda fis-suq tad-dawl ikunu bbilanċjati u li tinżamm l-istabbiltà tas-sistema. Fid-Danimarka, dan il-perjodu ta' żmien wara l-għeluq tan-negozju jissejjaħ is-suq tar-regolamentazzjoni tal-enerġija.

(11) Biex jassistu fl-ibbilanċjar tas-sistema fis-suq tar-regolamentazzjoni tal-enerġija, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jixtru servizzi anċillari. Fid-Danimarka, Energinet.dk jixtri dawn is-servizzi minn qabel permezz ta' kuntratti nnegozjati b'mod individwali u, f'dak li jissejjaħ is-suq tar-riżerva, permezz ta' rkanti. Jixtri wkoll servizzi anċillari fi ħdan is-suq tar-regolamentazzjoni tal-enerġija.

(12) Fis-suq tar-riżerva, Energinet.dk jikkonkludi kuntratti ta' riżerva, li jipprovdu għall-pagamenti għall-operaturi biex dawn ikunu disponibbli biex ifornu l-enerġija meta jintalbu jagħmlu dan. L-operaturi li jkunu parti minn dawk il-kuntratti jkunu obbligati jipprovdu wkoll offerti fis-suq tar-regolamentazzjoni tal-enerġija.

(13) Fis-suq tar-regolamentazzjoni tal-enerġija, Energinet.dk jista' jitlob kemm lill-operaturi li diġà jkunu ffirmaw kuntratti ta' riżerva kif ukoll lil parteċipanti oħrajn li jissottomettu offerti b'mod volontarju biex iżidu jew inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-elettriku tagħhom.

(14) In-netwerk ta' trażmissjoni tal-elettriku fid-Danimarka hu maqsum f'żewġ oqsma: il-parti tal-Punent tad-Danimarka ("DK1") u l-parti tal-Lvant tad-Danimarka ("DK2"). In-netwerk ta' trażmissjoni fid-DK1 hu konness man-netwerks ta' trażmissjoni fil-Ġermanja, fin-Norveġja u fl-Iżvezja. In-netwerk ta' trażmissjoni fid-DK2 hu konness man-netwerks ta' trażmissjoni fil-Ġermanja u fl-Iżvezja. Konnessjoni ta' trażmissjoni bejn id-DK1 u d-DK2 ġiet stabbilita għall-ewwel darba fl-2010 bil-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt (Storebælt) ta' 600 MW.

2.1.3. *Il-kuntratt tal-enerġija ta' riżerva bejn Energinet.dk u DONG Energy*

(15) Fil-21 ta' Diċembru 2010, Energinet.dk iffirma kuntratt ta' ħames snin ma' DONG Energy għal servizzi anċillari li kellhom jiġu pprovduti minn DONG Energy fid-DK2. Il-kuntratt kien jestendi minn Jannar 2011 sa tmiem l-2015 u kopra 300 MW ta' riżervi veloċi (li fuq it-talba ta' Energinet.dk kellhom jiġu forniti f'temp ta' 15-il minuta minn meta jintalbu) u 375 MW ta' riżervi bil-mod (forniti f'temp ta' sagħtejn minn meta jintalbu) li kellhom jiġu pprovduti mill-impjanti ta' Kyndby u ta' Masnedø ta' DONG Energy.

(16) Il-kuntratt kien jinkludi elementi ta' spejjeż fissi għall-iżgurar li s-servizzi jkunu disponibbli għal Energinet.dk biex jużahom fis-suq tar-regolamentazzjoni tal-enerġija, kif ukoll pagamenti ta' użu għal kwalunkwe servizz li fil-fatt jintalab u jiġi fornut. Il-prezz annwali massimu pagabbli lil DONG Energy kien ta' DKK 191 miljun, li jfisser DKK 955 miljun (madwar EUR 128 miljun) tul il-kuntratt ta' 5 snin.

(17) Imbagħad il-kuntratt ġie emendat fit-8 ta' Frar 2013 biex jikkumpensa lil DONG Energy għal tibdiliet fit-taxxi fuq l-ossidu tan-nitroġenu (NOx) fid-Danimarka, li żiedu l-ispejjeż tagħha biex tipprovdi s-servizzi kkuntrattati. Fuq il-bażi tat-taxxa fil-mument li saret l-emenda, l-element tal-pagamenti fissi fil-kuntratt żdied b'DKK 827 000 fis-sena mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2015. Dan fisser spiża totali addizzjonali għal Energinet.dk ta' madwar EUR 332 000.

2.1.4. *Riżerva tal-kapaċità ta' konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt għal servizzi anċillari*

(18) Parti mill-kapaċità ta' trażmissjoni tal-elettriku ta' 600 MW jew il-kapaċità ta' trażmissjoni tal-elettriku kollha kemm hi tal-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt tista' tiġi allokata bejn id-DK1 u d-DK2, jew tista' tiġi riżervata biex tippermetti lil Energinet.dk jittrasporta l-enerġija fornuta mill-forniturі ta' servizzi anċillari bejn id-DK1 u d-DK2.

(19) Qabel ma kkonkluda l-kuntratt ma' DONG Energy, Energinet.dk ikkalkola r-rekwiżit totali tiegħu għal enerġija ta' riżerva kkuntrattata fil-livell ta' 600 MW fid-DK1, u ta' 600 MW fid-DK2. Qabel ma nbniet il-konnessjoni tat-trażmissjoni tal-Great Belt, Energinet.dk kellu jidħol f'kuntratti ta' enerġija ta' riżerva għall 600 MW ta' kapaċità ta' riżerva lokalment f'kull waħda mid-DK1 u d-DK2.

(20) Parti mill-ħsieb ekonomiku wara l-bini tal-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt kienet li, ladarba ssir operazzjonali, il-kapaċità tal-kuntratt ta' riżerva tkun tista' tinqasam bejn id-DK1 u d-DK2, u b'hekk jonqos l-ammont ġenerali ta' kapaċità tal-enerġija ta' riżerva li Energinet.dk ikollu jixtri. F'Lulju 2010, Energitilsynet (l-Awtorità Regolatorja tal-Enerġija tad-Danimarka) approvat skema li ppermettiet lil Energinet.dk tirriżerva l-kapaċità fil-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt għat-trażmissjoni ta' servizzi ta' kuntratti ta' riżerva mid-DK2 (fejn DONG Energy kienet ingħatat il-kuntratt biex tipprovdi servizzi anċillari) għad-DK1. Dan ippermetta lil Energinet.dk biex inaqqas l-ammont ta' servizzi ta' kuntratti ta' riżerva meħtieġ fid-DK1 minn 600 MW għal 300 MW.

(21) B'mod ġenerali, l-enerġija timxi tul il-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt mir-reġjun bl-orħos prezz għar-reġjun bl-ogħla prezz. Skont l-iskema approvata minn Energitilsynet:

(a) Meta l-konklużjoni tan-negozju ta' ġurnata bil-quddiem kienet timplika fluss tal-enerġija ta' anqas minn 300 MW mid-DK2 għad-DK1, 300 MW f'kapaċità jkunu "riżervati" għal flussi mid-DK2 għad-DK1 u ma jkunux disponibbli għall-parteċipanti fis-suq għan-negozjar tal-istess ġurnata;

(b) Meta l-konklużjoni tan-negozju ta' ġurnata bil-quddiem kienet timplika fluss tal-enerġija ta' aktar minn 300 MW mid-DK2 għad-DK1, il-kapaċità kollha li jifdal tkun riżervata għal flussi mid-DK2 għad-DK1.

(22) Fit-30 ta' Ottubru 2012, Energitilsynet iddeċidiet li tabolixxi l-iskema għar-riżervar tal-kapaċità deskritta fil-premessi 20 u 21 mill-1 ta' Jannar 2013.

2.1.5. *Għajnuna mill-Istat għal sħana u enerġija kkombinati fid-Danimarka (miżura Nru 602/2004)*

(23) Fid-9 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni approvat u ddikjarat kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat sitt miżuri ta' għajnuna mill-Istat fid-Danimarka rigward sostenn għall-produzzjoni tal-enerġija mill-enerġija eolika, għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għajr l-enerġija eolika u għall-produzzjoni tal-enerġija minn impjanti ta' sħana u enerġija kkombinati ("impjanti CHP"). Id-deċiżjoni ġiet reġistrata taħt ir-referenza Nru 602/2004 (COM(2005)3910, "id-Deċiżjoni Nru 602/2004").

(24) Dawk il-miżuri jistgħu jiġu miġburin fil-qosor kif ġej:

(a) Impjanti żgħar ħafna tas-CHP (< 5 MW): Jibqa' jkollhom dritt li jirċievu prezz fiss (tariffa bi tliet stadji), iżda bl-għażla li jinbidel għal ammont bażiku (suppliment tal-prezz);

(b) Impjanti żgħar tas-CHP (< 10 MW): Perjodu tranżitorju sa tmiem l-2006 li matulu jkollhom l-għażla li jkomplu jirċievu prezz fiss (tariffa bi tliet stadji) u mbagħad obbligu li jaqilbu għall-ammont bażiku;

(c) Impjanti kbar tas-CHP (tal-anqas 10 MW): Perjodu tranżitorju sa tmiem l-2004 li matulu jkollhom l-għażla li jkomplu jirċievu prezz fiss (tariffa bi tliet stadji) u mbagħad obbligu li jaqilbu għall-ammont bażiku.

(25) Id-Danimarka kkonfermat li l-impjanti kollha tas-CHP li jibbenefikaw mill-iskemi notifikati kienu effiċjenti ħafna u pprovdiet kalkolu tal-ispejjeż żejda għall-forma sostnuta ta' enerġija, li tqiesu raġonevoli. Skont dawk il-kalkoli, is-sostenn ikun ikopri mhux aktar minn 87 % tal-ispejjeż żejda (għall-impjanti tad-DCHP). Barra minn hekk il-kalkoli ġew ipprovduti filwaqt li netwera li s-sostenn ma kienx se jaqbeż id-deprezzament flimkien ma' dħul ġust minn kapital.

(26) Imbagħad l-għajnuna ġiet approvata fuq il-bażi tal-Linji Gwida tal-2001 dwar l-Għajnuna Ambjentali ([3]) — b'mod partikolari t-taqsima E.3.3.1. B'mod partikolari l-Kummissjoni qieset li d-differenza bejn l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-enerġija ekoloġika kkonċernata u l-prezz tas-suq tal-forma konvenzjonali tal-enerġija kkonċernata biss setgħet tiġi kkumpensata. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni Nru 602/2004 ikkonkludiet li l-benefiċjarji ma jkunux ikkumpensati żżejjed.

2.2. **Għajnuna allegata**

(27) L-ilmentaturi għamlu żewġ allegazzjonijiet ewlenin:

(a) Tibdiliet fir-regoli li jirregolaw l-akkwist ta' kapaċità ta' riżerva fid-Danimarka –minn irkant tas-suq ta' riżervi minn xahar bil-quddiem għal ġurnata bil-quddiem — wasslu biex l-impjanti tad-DCHP jiġu kkumpensati żżejjed permezz ta' arranġamenti eżistenti ta' sostenn b'għajnuna mill-Istat (approvati skont id-Deċiżjoni Nru 602/2004). It-tibdil kien ifisser li, minn Frar 2007, l-impjanti tad-DCHP kellhom aċċess għal fluss ta' dħul addizzjonali li ma kienx antiċipat fiż-żmien li fih l-għajnuna mill-Istat kienet approvata oriġinarjament. Dan għaliex ġurnata qabel il-konsenja, l-impjanti tad-DCHP ikunu jistgħu jbassru bi preċiżjoni l-kapaċità li ser ikollhom disponibbli biex jipprovdu s-servizzi ta' riżerva. Għaldaqstant, ladarba sar dan it-tibdil fl-irkant tas-suq ta' riżervi, l-impjanti tad-DCHP setgħu jieħdu sehem fis-suq sa limitu akbar milli kien possibbli meta l-akkwist tas-suq ta' riżervi sar xahar bil-quddiem. Il-BRD allegat li dan wassal għal kumpens eċċessiv tal-impjanti tad-DCHP.

(b) DONG Energy allegatament irċiviet għajnuna mill-Istat permezz tal-kuntratt ta' ħames snin għal servizzi anċillari konkluż fl-2010 ma' Energinet.dk. Il-kuntratt ma ġiex sottomess għal proċedura pubblika ta' offerti, u allegatament ma ġiex konkluż skont it-termini tas-suq, u b'hekk ta vantaġġ lil DONG Energy. Ir-riżerva tal-kapaċità tal-istess ġurnata biex enerġija ta' riżerva timxi mid-DK2 għad-DK1 permezz tal-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt allegatament tat vantaġġ lil DONG Energy. L-ilmentatur allega li Energinet.dk kien operatur Daniż bi sjieda Statali totali, ikkontrollat mill-Istat, u b'hekk l-azzjonijiet tiegħu kienu imputabbli għall-Istat.

2.3. **Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti bidu għal investigazzjoni formali**

(28) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li, fuq il-bażi tal-informazzjoni u tal-kalkoli mid-Danimarka li inkludew id-dħul għall-impjanti tad-DCHP mill-bejgħ ta' servizzi anċillari, l-impjanti tad-DCHP ma kinux ikkumpensati b'mod eċċessiv għall-investimenti tagħhom fil-kapaċità ta' CHP u l-għajnuna lill-impjanti tad-DCHP approvata skont id-Deċiżjoni Nru 602/2004 kienet għadha kompatibbli. Għaldaqstant, dan l-aspett tal-ilmenti ma kienx parti mill-proċedura ta' investigazzjoni formali.

(29) Madankollu, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk l-għajnuna setgħetx ingħatat lil DONG Energy, inklużi dubji dwar il-kompatibbiltà potenzjali tat-tali għajnuna mas-suq intern. Rigward l-eżistenza u l-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat, l-investigazzjoni tal-Kummissjoni kienet limitata għall-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) Jekk l-azzjonijiet ta' Energinet.dk fl-iffirmar tal-kuntratt għal servizzi anċillari ma' DONG Energy kinux imputabbli għad-Danimarka;

([3]) ĠU C 37, 3.2.2001, p. 3.

(b) Jekk il-kuntratt għal servizzi anċillari bejn Energinet.dk u DONG Energy tax vantaġġ lil DONG Energy;

(c) F'każ li kienet involuta għajnuna mill-Istat, jekk din kinitx tikkostitwixxi għajnuna kompatibbli mill-Istat.

3. KUMMENTI MINGĦAND PARTIJIET INTERESSATI

3.1. Il-kummenti mingħand il-BRD

(30) Il-BRD innotat li l-leġiżlazzjoni Daniża ma tipprovdix gwida għal Energinet.dk rigward l-akkwist ta' enerġija ta' riżerva. Madankollu, il-BRD argumentat li peress li l-leġiżlazzjoni teħtieġ il-monitoraġġ u l-approvazzjoni mill-Aġenzija Daniża tal-Enerġija (DEA) tal-pjanijiet operazzjonali ġenerali ta' Energinet.dk, jista' jitqies li d-DEA kienet approvat il-kuntratt ma' DONG Energy.

(31) Il-BRD argumentat ukoll li l-fatti li ġejjin jissuġġerixxu intervent minn awtoritajiet oħra fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' Energinet.dk:

(a) Fl-2006, Energinet.dk iddikjara pubblikament li hu kien ippjana li jistabbilixxi suq kompetittiv fid-DK2 iżda dan il-pjan ma twettaqx.

(b) Il-kuntratt bejn DONG Energy u Energinet.dk kien fih klawżoli li pproteġew il-pożizzjoni finanzjarja ta' DONG Energy kontra ementi susegwenti fil-kuntratt mid-DEA.

(32) Il-BRD ressqet l-argumenti li ġejjin li jasserixxu li, fuq il-bażi tal-kuntratt, Energinet.dk ħallset lil DONG Energy prezz ogħla mill-prezz tas-suq:

(a) F'mistoqsija parlamentari f'April 2011, il-Ministru tal-Klima u tal-Enerġija ddikjara li l-prezz medju mħallas lil DONG Energy għall-kapaċità ta' riżerva ta' 675 MW kien ta' DKK 22 716/MW/xahar, meta mqabbel mal-prezz medju tal-enerġija ta' riżerva għall-konsenja fuq terminu qasir fid-DK1 ta' DKK 8 850/MW/xahar.

(b) Fil-fatt il-prezz medju kien ogħla minn dak iddikjarat fit-tweġiba tal-Ministru, għaliex il-kalkolu ma qiesx il-fatt li 75 MW mill-kapaċità kkuntrattata ta' 675 MW kienu eżentati minn obbligu ta' konsenja għal sena, minħabba rekwiżit ta' manutenzjoni. Fuq 5 snin, dan effettivament kien ifisser li nxtraw 660 MW biss.

(c) Jekk DONG Energy ma setgħetx tipprovdi jew ippreferiet li ma tipprovdix il-kapaċità kkuntrattata meta ntalbet tagħmel dan, Energinet.dk kellha tikseb il-kapaċità minn sorsi oħra. Il-penali għan-nuqqas ta' provvista speċifikati fil-kuntratt jaf ma kinux suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż addizzjonali mġarrba minn Energinet.dk meta din kellha tikseb kapaċità alternattiva.

(d) Fuq il-bażi tal-ispiża ta' stabbiliment tar-riżervi fid-DK1, 300 MW ta' riżervi veloċi setgħu jiġu pprovduti fid-DK2 permezz ta' tagħmir ġdid għal DKK 750 miljun, jew bit-trasferiment tat-tagħmir mid-DK1 għal DKK 450 miljun — biż-żewġ għażliet li t-tnejn kienu orħos mit-total ta' DKK 920 miljun li t-tweġiba tal-ministeru għall-mistoqsija parlamentari ta' April 2011 issuġġeriet li kien se jitħallas lil DONG Energy taħt il-kuntratt ta' 5 snin.

(e) Tal-anqas parti mill-kapaċità ta' riżerva meħtieġa fid-DK2 missha nxtrat fid-DK1 (bl-użu tal-possibbiltà ta' qsim tar-riżerva fuq il-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt mid-DK1 għad-DK2). Il-BRD argumentat li l-kuntratt ma' DONG Energy kien marbut mar-riżerva tal-kapaċità tal-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt biex ikunu jistgħu jsiru trasferimenti ta' servizzi anċillari biss mid-DK2 għad-DK1. Il-pjanijiet għar-riżervar ta' din il-kapaċità kienu jagħmlu parti mill-applikazzjoni inizjali biex tinbena l-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt (li ġiet approvata mill-Ministru għat-Trasport u għall-Enerġija fl-2007).

(f) Il-BRD spjegat li għad li Energitilsynet abolixxiet l-iskema għar-riżervar tal-kapaċità tal-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt mill-1 ta' Jannar 2013, il-kuntratt ma' DONG Energy kien se jibqa' fis-seħħ sal-2015.

(33) Il-BRD iddikjarat ukoll li hi ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ li l-għajnuna lill-impjanti tad-DCHP kienet kompatibbli mas-suq intern u tenniet il-fehma tagħha li l-impjanti tad-DCHP irċivew kumpens eċċessiv.

3.2. **Kummenti mingħand DONG Energy**

(34) DONG Energy iddikjarat li r-remunerazzjoni li hi tirċievi permezz tal-kuntratt ta' ħames snin għal servizzi anċillari fid-DK2 hi prezz normali tas-suq, li jirrifletti l-ispejjeż tagħha għall-provvista tas-servizzi kkuntrattati inkluż dħul raġonevoli fuq l-ekwità.

(35) DONG Energy ipprovdiet informazzjoni dwar il-prezzijiet imħallsa għas-servizzi anċillari fir-Renju Unit u fl-Irlanda, filwaqt li ddikjarat li dawn huma ferm ogħla mit-DKK 313 000/MW li DONG Energy qalet li kien il-prezz annwali tal-2013 li kellha tirċievi mill-kuntratt ta' 5 snin.

(36) DONG Energy argumentat ukoll li t-DKK 313 000/MW li tħallset permezz tal-kuntratt attwali fl-2013 kienu anqas mill-prezzijiet storikament imħallsa minn Energinet.dk għas-servizzi anċillari fid-DK1. Biex turi dan, DONG Energy ipprovdiet informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-2007 għall-enerġija ta' riżerva fid-DK1. DONG Energy argumentat li l-prezz tal-2007 għall-enerġija ta' riżerva tad-DK1 kien ta' DKK 324 000/MW/sena (fl-2013 kienet tapplika inflazzjoni ta' 2 %/sena fuq il-prezzijiet — skont Statistics Denmark, l-inflazzjoni netta fid-Danimarka kienet medja ta' 2,2 % fis-sena bejn l-2007 u l-2013).

4. **IL-KUMMENTI TAD-DANIMARKA**

(37) Id-Danimarka ddikjarat li l-azzjonijiet ta' Energinet.dk ma kinux imputabbli għall-Istat għaliex:

(a) L-operatur Energinet.dk hu impriża pubblika indipendenti, b'responsabbiltà għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, inkluża ż-żamma tal-bilanċ tas-sistema u l-iżgurar li jkun hemm kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti fis-sistema.

(b) Il-leġiżlazzjoni ma tispeċifikax xi rekwiżit rigward l-iffirmar tal-kuntratti jew il-kontenut ta' dawn li Energinet.dk jagħżel li jidħol fihom biex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu. Energinet.dk hu liberu li jiffirma dawn il-kuntratti mingħajr l-approvazzjoni tal-Ministru għall-Klima, għall-Enerġija u għall-Bini, u m'għandux bżonn jinforma lill-Ministru dwar il-konklużjoni ta' dawk il-kuntratti. L-ebda rappreżentant mill-ministeru ma kien involut fil-laqgħat tan-negozjar bejn Energinet.dk u DONG Energy qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt, u l-ministeru lanqas ma kien involut fl-istabbiliment tal-qafas għad-diskussjonijiet, inkluż l-issettjar tal-prezzijiet. Energinet.dk ma informax lill-Ministru dwar il-kontenut tan-negozjati, u l-Ministru lanqas ma ra t-termini kuntrattwali finali biex japprovahom jew jikkummenta dwarhom.

(c) Il-Ministru hu intitolat jieħu deċiżjonijiet fuq kull aspett tan-negozju ta' Energinet.dk. Iżda l-Ministru qatt ma uża din l-awtorità b'raba mad-dħul minn Energinet.dk f'kuntratti speċifiċi għal enerġija ta' riżerva, inkluż il-kuntratt ma' DONG Energy.

(d) Energinet.dk ma involviex lill-Istat Daniż b'xi mod ieħor, u lanqas ma rċieva struzzjonijiet mingħand l-Istat, b'rabta mal-konklużjoni tal-kuntratt ma' DONG Energy.

(38) Id-Danimarka ddikjarat li l-kuntratt ta' Energinet.dk ma' DONG Energy ma tax vantaġġ lil DONG Energy li kapaċi jiġi kategorizzat bħala għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, u għaddiet il-kummenti minn Energinet.dk dwar dan l-aspett tal-investigazzjoni li ddikjaraw:

(a) Il-ftehim dwar l-Operazzjoni tas-Sistema Nordika jeħtieġ li Energinet.dk ikollu riżervi disponibbli f'kull żona (DK1 u DK2) b'mod suffiċjenti biex ikopru l-kapaċità li tkun meħtieġa li kieku l-akbar impjant fiż-żona kellu jkollu l-ħsara. L-uniku operatur li kapaċi jforni biżżejjed kapaċità ta' riżerva (600 MW) fid-DK2 kien DONG Energy. Il-forniturі potenzjali kollha l-oħra ma kinux ikunu kapaċi jipprovdu biżżejjed kapaċità ta' riżerva biex jevitaw il-ħtieġa li jiffirmaw kuntratt ma' DONG Energy.

(b) Minħabba li l-maġġoranza tal-ispejjeż għal DONG Energy biex tforni r-riżervi kienet marbuta mal-ispejjeż biex l-impjanti jinżammu pronti, l-ispejjeż ġenerali tas-servizzi ta' riżerva minn DONG Energy kienu jkunu l-istess kemm li kieku l-kuntratt stipula 400 MW kif ukoll li kieku stipula 600 MW. Il-ħsieb wara dan ġie vverifikat mill-Awtorità Daniża tal-Kompetizzjoni.

(c) Fl-2009, Energinet.dk eżamina l-forniturі potenzjali ta' kapaċità ta' riżerva fid-DK2 u kkonkluda li mhux aktar minn 150 MW setgħu jinxtraw mingħand operaturi oħrajn li mhumiex DONG Energy. Energinet.dk qal li ma kienx ikun possibbli li jsir kuntratt għal 600 MW kapaċità ta' riżerva fid-DK2 mingħajr ma tiġi inkluża DONG Energy, u l-ispejjeż biex tiġi pprovduta l-enerġija ta' riżerva fid-DK2 minn taħlita ta' DONG Energy u ta' sorsi oħra kienu jkunu akbar mill-ispejjeż ta' kkuntrattar ta' dawn is-servizzi mingħand DONG Energy biss.

(d) Tal-anqas għas-servizzi ta' startjar minn mitfi totali li fihom impjant tal-enerġija jrid ikun kapaċi jibda jiġġenera bla ma jibbaża fuq l-enerġija min-netwerk ta' trażmissjoni tal-elettriku, ma kienx ikun possibbli li tinxtara enerġija ta' riżerva fid-DK1 biex tintuża fid-DK2 għaliex is-servizz ta' startjar minn mitfi totali jeħtieġ li l-impjant tal-enerġija li jforni jkun imqabbad b'mod dirett mal-impjant tal-enerġija li jkun se jerġa' jinxtegħel.

(e) Energinet.dk innegozja prezz ma' DONG Energy li kopra l-ispejjeż ta' DONG Energy flimkien ma' profitt ta' [1-7] %.

(39) Id-Danimarka pprovdiet ukoll kummenti mingħand Energinet.dk dwar id-deċiżjoni li jirriżreva kapaċità fil-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt mid-DK2 għad-DK1. Energinet.dk spjega li mingħajr ir-riżervar tal-kapaċità fil-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt, ikun hemm bżonn li l-kuntratt isir għal 600 MW kapaċità ta' riżerva f'kull waħda mid-DK1 kif ukoll id-DK2, jiġifieri 1 200 MW b'kollox. Bir-riżerva, ir-rekwiżit totali jista' jitnaqqas għal 900 MW.

(40) Bħala tweġiba għas-suġġeriment tal-BRD li r-riżerva tista' tkun organizzata biex tmexxi l-enerġija mid-DK1 għad-DK2 minflok mid-DK2 għad-DK1, Energinet.dk spjega li r-riżerva mid-DK2 għad-DK1 irriżultat f'ferm anqas distorsjoni tas-suq milli kien ikun il-każ li kieku l-kapaċità ġiet riżervata biex tmexxi l-enerġija fid-direzzjoni opposta.

(41) Energinet.dk ipprovda analiżi biex juri li, fid-dawl tal-kapaċità eċċessa ġenerali disponibbli fid-DK1 meta mqabbla mad-DK2, prezzijiet oħos fid-DK1 ifissru li l-elettriku jimxi tul il-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt mid-DK1 għad-DK2 72,7 % tad-drabi, u minn DK2 għad-DK1 16,7 % tad-drabi. Bil-mod li bih Energinet.dk organizza r-riżerva, il-kapaċità kienet riżervata biss wara li jkun għalaq is-suq ta' ġurnata bil-quddiem, u biss wara li n-negozjar ta' ġurnata bil-quddiem jissuġġerixxi li l-flussi jkunu mid-DK2 għad-DK1. B'hekk ir-riżerva ġiet implimentata 16,7 % tad-drabi biss. Li kieku ġie implimentat mudell alternattiv għar-riżervar tal-kapaċità, Energinet.dk argumenta li dan bilfors li kien iżid in-numru ta' sigħat li fihom ir-riżerva kien ikollha tiġi implimentata u, għaldaqstant, kien iżid id-distorsjoni tas-suq tal-istess ġurnata għaliex ikun hemm anqas kapaċità ta' trażmissjoni disponibbli għall-parteċipanti fis-suq għan-negozjar.

5. **VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA**

(42) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern. Il-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat iridu jkunu ssodisfati biex ikun hemm għajnuna mill-Istat skont it-tifsira ta' dak l-Artikolu.

(43) Kif stipulat fil-premessa 29 ta' hawn fuq, rigward l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, l-investigazzjoni formali kienet iffokata fuq (a) jekk l-azzjonijiet ta' Energinet.dk fl-iffirmar tal-kuntratt ma' DONG Energy kinux imputabbli għad-Danimarka, u (b) jekk il-kuntratt dwar l-enerġija ta' riżerva bejn Energinet.dk u DONG Energy tax vantaġġ lil DONG Energy jew kienx konkluż skont it-termini tas-suq.

5.1. **Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat — Riżorsi tal-Istat**

(44) Biex titqies bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, miżura trid tingħata direttament jew indirettament mir-riżorsi tal-Istat.

(45) Skont il-ġurisprudenza, ir-riżorsi ta' impriża għandhom jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat jekk l-Istat ikun jista', billi jeżerċita l-influwenza dominanti tiegħu fuq l-impriża, jidderieġi l-użu tar-riżorsi tagħha ([4]).

(46) L-operatur Energinet.dk hu kumpanija pubblika, bi sjieda totali tal-Istat Daniż. Fid-dawl tal-pożizzjoni tal-Istat tad-Danimarka bħala l-uniku azzjonista, kif ukoll il-possibbiltà għall-Istat Daniż li jeżerċita l-influwenza fuq l-użu tar-riżorsi finanzjarji ta' Energinet.dk, ir-riżorsi finanzjarji ta' Energinet.dk iridu jitqiesu li huma riżorsi tal-Istat ([5]).

([4]) Il-Kawża C-482/99 Ir-Repubblika Franċiża vs Il-Kummisjoni (Stardust Marine) [2002] Ġabra I-4397, il-paragrafu 38.
([5]) Il-Kawża C-278/00 Ir-Repubblika Ellenika vs Il-Kummissjoni [2004] Ġabra I-3997, il-paragrafu 54.

5.2. **Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat — Imputabbiltà**

(47) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni esprimiet dubji fuq jekk il-kuntratt iffirmat minn Energinet.dk ma' DONG Energy kienx imputabbli għall-Istat.

(48) Fil-kawża Stardust Marine ([6]), il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, anki jekk l-Istat hu f'pożizzjoni li jikkontrolla impriża pubblika u li jeżerċita influwenza dominanti fuq l-operazzjonijiet tagħha, l-eżerċizzju effettiv ta' dak il-kontroll għal miżura partikolari ma jistax jiġi preżunt awtomatikament. Hu wkoll neċessarju li jiġi eżaminat jekk l-awtoritajiet pubbliċi għandhomx jitqiesu bħala li, b'xi mod jew ieħor, kinux involuti fl-adozzjoni tal-miżura kkonċernata. Il-Qorti għarfet li mhux dejjem jista' jkun possibbli li jintwera f'każ partikolari li l-miżuri meħuda minn tali impriża fil-fatt kienu adottati wara istruzzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi. Għaldaqstant hi stabbilixxiet ċerti indikaturi li jistgħu jintużaw biex tiġi vvalutata l-imputabbiltà, li jinkludu (mingħajr ma jkunu eżawrjenti jew preskrittivi):

(a) kemm l-impriża pubblika (f'dan il-każ Energinet.dk) tista' tieħu d-deċiżjoni bla ma tqis ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi;

(b) kemm id-direttivi (gwida) ipprovduti mill-awtoritajiet jitqiesu mill-impriża pubblika (f'dan il-każ Energinet.dk);

(c) kemm l-impriża pubblika (f'dan il-każ Energinet.dk) hi integrata fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika;

(d) in-natura tal-attivitajiet u t-twettiq tagħhom fis-suq f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni mal-operaturi privati;

(e) l-istatus ġuridiku tal-impriża pubblika (f'dan il-każ Energinet.dk) fis-sens tas-soġġettar ta' din għal-liġi pubblika jew għad-dritt soċjetarju ordinarju;

(f) l-intensità tas-superviżjoni tal-awtorità pubblika fuq id-deċiżjonijiet meħuda mill-impriża pubblika (f'dan il-każ Energinet.dk).

(49) Ma ġiet ipprovduta ebda evidenza lill-Kummissjoni li tissuġġerixxi li l-istat Daniż kien involut f'xi ppjanar, negozjati jew approvazzjoni tal-kuntratt iffirmat minn Energinet.dk ma' DONG Energy. B'hekk, kif stabbilit fil-kawża Stardust Marine, l-imputabbiltà jkollha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' kwalunkwe indikatur konkret ta' involviment tal-Istat fil-konklużjoni tal-kuntratt. Dan ġie speċifikat b'mod ulterjuri fil-kawża "SACE", fejn il-Qorti Ġenerali ddikjarat li prova tat-tali involviment tista' tiġi pprovduta fuq il-bażi ta' "indizji suffiċjentement preċiżi u konverġenti tal-eżerċizzju ta' influwenza effettiva jew ta' kontroll effettiv mill-Istat" ([7]).

(50) L-operatur Energinet.dk hu organizzat bħala impriża pubblika indipendenti u mhuwiex integrat fl-istrutturi normali tal-amministrazzjoni pubblika. Energinet.dk mhuwiex soġġett għad-dritt soċjetarju ordinarju iżda hu rregolat bil-Liġi dwar Energinet.dk u hu regolat fuq il-bażi tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tal-kumpanija. L-indipendenza ta' Energinet.dk hi riflessa fl-Istatut ta' Assoċjazzjoni tiegħu, li skont dan, Energinet.dk hu entità ġuridika indipendenti involuta fl-attivitajiet tagħha mingħajr ebda responsabbiltà min-naħa tal-Istat Daniż. Barra minn hekk, l-assi ta' Energinet.dk huma separati mill-assi tal-Istat Daniż, u Energinet.dk jikkontrolla l-fondi ta' investiment u l-fondi ta' ġestjoni tiegħu stess fi ħdan il-qafas stabbilit.

(51) L-istruttura tal-maniġment ta' Energinet.dk tinkludi bord superviżorju u bord eżekuttiv. Il-Ministru Daniż għall-Klima, għall-Enerġija u għall-Bini jaħtar tmienja mill-ħdax-il membru tal-bord superviżorju, inkluż il-President. Tnejn mit-tmien membri maħtura mill-Ministru jridu jinħatru wara r-rakkomandazzjoni tas-settur tal-elettriku. Il-membri tal-bord superviżorju huma meħtieġa jħaddmu bord eżekuttiv kwalifikat li jopera taħt il-bord superviżorju. Id-dritt li jaħtar membri tal-bord superviżorju jagħti lill-Ministru influwenza fuq l-operazzjoni ġenerali ta' Energinet.dk. Madankollu, il-fatt li l-Istat għandu influwenza fuq l-operazzjoni ġenerali tiegħu hu riflessjoni tas-sjieda tiegħu u minnu nnifsu ma jindikax l-involviment tal-Istat f'xi miżura speċifika adottata minn Energinet.dk. Dan ġie kkonfermat mill-Qorti Ġenerali fil-kawża SACE fejn, wara li ġie osservat li l-għażla mill-Istat Taljan tal-bord tad-diretturi turi rabta speċjali mal-awtoritajiet pubbliċi, il-Qorti tiddikjara li "dawn l-indizji organiċi […] ma humiex suffiċjenti fihom infushom sabiex jistabbilixxu involviment konkret tal-Istat fl-adozzjoni tal-miżuri kkontestati" ([8]).

([6]) Il-Kawża C-482/99 Ir-Repubblika Franċiża vs Il-Kummisjoni (Stardust Marine) [2002] Ġabra I-4397, il-paragrafu 52.
([7]) Il-Kawża T-305/13, SACE u Sace BT vs il-Kummissjoni EU:T:2015:435, il-paragrafu 51.
([8]) Il-Kawża T-305/13, SACE u Sace BT vs il-Kummissjoni EU:T:2015:435, il-paragrafu 63

(52) Id-Danimarka tasserixxi li d-dritt tal-Ministru li jaħtar membri tal-bord mhuwiex ibbażat fuq intenzjoni li jiġu regolati l-kuntratti proprji ffirmati minn Energinet.dk. Id-Danimarka spjegat ukoll li t-taqsima 9 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni ta' Energinet.dk, li tistabbilixxi l-kompiti tal-bord superviżorju, tinkorpora bis-sħiħ l-§115 tal-Att Daniż dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata li jiddefinixxi l-kompiti tal-bords superviżorji fit-tali kumpaniji. Ir-rabta mad-dritt soċjetarju ordinarju hi rikonoxxuta b'mod espliċitu fix-xogħlijiet prepartorji għal-Liġi dwar Energinet.dk li jiddikjara li "l-kompiti tal-Bord superviżorju ta' Energinet Danmark bażikament jikkorrispondu għall-istruzzjonijiet ġenerali għad-diviżjoni tar-responsabbiltà u tal-kompiti bejn il-Bord superviżorju u l-Bord eżekuttiv, li jirriżultaw mill-Att dwar il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata". Id-Danimarka spjegat ukoll li fil-prattika kien il-bord eżekuttiv, u mhux bil-bord superviżorju, li kien jimmaniġġja n-negozjar tal-kuntratt ma' DONG Energy.

(53) Barra minn hekk, id-Danimarka ddikjarat li l-Ministru tal-Klima, tal-Enerġija u tal-Bini ma kellu ebda involviment fl-awtorizzazzjoni jew fin-negozjar tal-kuntratt bejn Energinet.dk u DONG Energy u ma kienx informat dwar l-iżvilupp tan-negozjati. Għad li l-Ministru hu intitolat jieħu deċiżjonijiet dwar kwalunkwe aspett tan-negozju ta' Energinet.dk, id-Danimarka enfasizzat li l-Ministru qatt ma uża din l-awtorità b'rabta mad-dħul minn Energinet.dk f'kuntratti speċifiċi għal enerġija ta' riżerva. Skont id-Danimarka, din l-awtorità hi maħsuba biex tiżgura li l-Ministru jkun jista' jintervjeni jekk ikun hemm bżonn li jiġi żgurat li Energinet.dk jaġixxi fi ħdan il-limiti tal-liġi u jitmexxa b'mod finanzjarjament solidu. Il-Ministru ma jintervjenix f'deċiżjonijiet rigward infrastruttura ġdida tan-netwerk jew modifiki sostanzjali fl-infrastruttura eżistenti tan-netwerk, iżda l-awtorità tiegħu ma tintużax biex jintervjeni f'kompiti speċifiċi li Energinet.dk iwettaq (jew kuntratti li jiffirma) biex ikun jista' jissodisfa r-responsabbiltajiet legali tiegħu.

(54) Għall-kuntrarju ta' dak li jgħodd għal ċerti miżuri oħra li jiġu operati minn Energinet.dk u li huma stipulati fil-liġi Daniża ([9]), il-leġiżlazzjoni Daniża ma tispeċifikax jew ma tipprovdix gwida għal Energinet.dk b'rabta mal-akkwist ta' enerġija ta' riżerva. Ma hemm ebda regolament pubbliku jew approvazzjoni espliċita tad-deċiżjonijiet jew tal-azzjonijiet li għalihom Energinet.dk hu legalment responsabbli f'termini tal-enerġija ta' riżerva. Il-leġiżlazzjoni lanqas ma tistabbilixxi xi rekwiżit fiss rigward il-kontenut tal-kuntratti li Energinet.dk jista' jagħżel li jikkonkludi biex jissodisfa l-obbligi tiegħu skont il-liġi.

(55) Madankollu, il-BRD argumentat li peress li l-leġiżlazzjoni Daniża teħtieġ il-monitoraġġ u l-approvazzjoni mill-Aġenzija Daniża tal-Enerġija tal-"pjanjiet ta' strateġija" operazzjonali ġenerali ta' Energinet.dk, l-Istat kien japprova l-kuntratt ma' DONG Energy bħala parti mill-approvazzjoni tiegħu ta' dawk il-pjanijiet. Il-Qorti Ġenerali ddikjarat fil-kawża SACE li l-approvazzjoni tal-projezzjonijiet għall-impriżi pubbliċi minn organu pubbliku tista' turi li l-impriża ma teżerċitax l-attivitajiet tagħha fil-kundizzjonijiet ta' awtonomija maniġerjali sħiħa u b'hekk tista' titqies li tkun qed taġixxi taħt il-kontroll tal-awtoritajiet pubbliċi, tal-anqas fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet importanti ([10]). Madankollu, għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni fil-kawża SACE, il-kuntratt ma' DONG Energy qatt ma kien inkluż fil-pjanijiet tal-istrateġija ta' Energinet.dk (u lanqas il-kuntratti l-oħra dwar l-enerġija ta' riżerva).

(56) Id-Danimarka spjegat li l-kuntratt ma' DONG Energy kien inkluż fir-Rapport Annwali tal-2010 minn Energinet.dk, iżda ma kienet meħtieġa ebda approvazzjoni *ex ante* mill-Istat, u r-Rapport Annwali tal-2010 ġie sottomess lill-Ministru tal-Klima, tal-Enerġija u tal-Bini f'Marzu 2011 biss wara li l-kuntratt kien ġie konkluż. L-ewwel laqgħa trimestrali bejn il-ministeru u l-bord superviżorju ta' Energinet.dk li fih issemmal-kuntratt kienet f'Marzu 2011. Fil-kawża T-305/13, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li diment li l-kontrolli finanzjarji u politiċi, l-ewwel, iseħħu *a posteriori*, u t-tieni, ikunu relatati fil-prinċipju mal-kontijiet jew mal-attivitajiet kollha tal-impriża pubblika, dawn minnhom infushom ma jippermettux is-suppożizzjoni li l-awtoritajiet pubbliċi influwenzaw b'mod speċifiku d-deċiżjonijiet upstream ([11]).

(57) Għad li l-laqgħat trimestrali bejn il-bord superviżorju ta' Energinet.dk u l-ministeru, u r-rapportar annwali minn Energinet.dk lill-azzjonist tagħha, jagħtu lill-Istat ċertu kontroll fuq l-attività ġenerali ta' Energinet.dk, id-Danimarka spjegat li l-involviment tal-Istat hu limitat biex jiżgura li Energinet.dk jikkonforma, f'termini ġenerali, mal-obbligi tiegħu skont il-leġiżlazzjoni. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, it-tali kontroll ġenerali mhuwiex biżżejjed biex tiġi stabbilita l-imputabbiltà għall-Istat tal-konklużjoni ta' kuntratt speċifiku ([12]).

([9]) Ara pereż. il-kawżi dwar l-għajnuna mill-Istat 354/2008 – Modifika tal-iskema "sostenn għal produzzjoni tal-elettriku ekoloġika" (Nru 602/2004), suppliment għall-elettriku minn turbini eoliċi ġodda (ĠU C 143, 24.6.2009, p. 6) u Nru 356/2008 – Modifika tal-iskema "sostenn għal produzzjoni tal-elettriku ekoloġika" (Nru 602/2004), supplimenti għall-elettriku ġġenerat bil-bijogass (ĠU C 151, 3.7.2009, p. 16).

([10]) Il-Kawża T-305/13, SACE u Sace BT vs il-Kummissjoni EU:T:2015:435, il-paragrafu 76.

([11]) Il-Kawża T-305/13, SACE u Sace BT vs il-Kummissjoni EU:T:2015:435, il-paragrafu 73.

([12]) Ara n-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

(58) Rigward in-natura tal-attivitajiet ta' Energinet.dk, l-Att dwar Energinet.dk jeħtieġ li Energinet.dk tkun attiva f'attivitajiet ta' ħaddim tas-sistema, u f'attivitajiet ta' trażmissjoni tal-elettriku inkluż fl-aġir bħala operatur indipendenti tas-sistema. Energinet.dk hu resposnabbli għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u, meta jwettaq il-kompitu tiegħu, irid iżomm il-kwalità teknika u l-bilanċ fi ħdan is-sistema interkonnessa tal-provvista tal-elettriku, u jiżgura li jkun hemm biżżejjed kapaċità tal-produzzjoni fis-sistema. Dawn huma attivitajiet tipiċi ta' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, li minħabba n-natura tagħhom spiss ikunu marbuta mar-responsabbiltajiet tal-Istat, indipendentement minn kif inhuma organizzati.

(59) L-aspett tal-operazzjonijiet ta' Energinet.dk li qed jiġi kkunsidrat hu l-konklużjoni ta' kuntratti ta' servizzi anċillari. Fl-akkwist ta' servizzi anċillari, Energinet.dk jieħu sehem fis-suq, billi jagħżel is-servizzi anċillari mill-forniturі disponibbli fis-suq. Għaldaqstant hu possibbli li operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jkun jista' jwettaq akkwist tas-servizzi anċillari, filwaqt li jaġixxi bħala operatur fis-suq mingħajr l-involviment tal-Istat.

(60) L-ilmentatur iddikjara li Energinet.dk ħabbar pubblikament fl-2006 li kien biħsiebu jistabbilixxi suq kompetittiv fid-DK2, iżda li dan baqa' ma twettaqx. L-ilmentatur issuġġerixxa li dan hu evidenza tal-interferenza tal-Istat fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' Energinet.dk. Madankollu, il-fatt li Energinet.dk jaf ma eżegwixxiex il-pjanijiet imħabbra fl-2006 minnu nnifsu ma jissuġġerixxix involviment tal-Istat fid-deċiżjonijiet ta' Energinet.dk.

(61) L-ilmentatur iddikjara wkoll li d-dispożizzjonijiet fil-kuntratt bejn Energinet.dk u DONG Energy li jipproteġu lil DONG Energy minn kwalunkwe telf fil-każ li d-DEA tagħmel tibdiliet fil-kuntratt jissuġġerixxu intervent mid-DEA fit-teħid ta' deċiżjonijiet minn Energinet.dk. Madankollu, il-kuntratt qatt ma jsemmi lid-DEA u jiddikjara biss li: "Jekk l-Awtorità Regolatorja tal-Enerġija tad-Danimarka teħtieġx li waħda mill-Partijiet jew it-tnejn li huma jbiddlu t-termini tal-Ftehim...il-Ftehim għandu jiġi aġġustat…". Il-kuntratt ma jipprovdi l-ebda evidenza li l-Istat irrieżamina jew approva l-kuntratt ma' DONG Energy, u d-Danimarka ddikjarat li l-kuntratt la ġie rieżaminat u lanqas approvat mill-Istat Daniż. Kif spjegat fil-premessa 56, il-kuntratt ma kienx soġġett għal xi rieżami *ex ante*, monitoraġġ jew approvazzjoni mill-Istat, u d-Danimarka saret taf bil-kuntratt biss permezz ta' rapport annwali li l-ewwel inqasam mill-Ministeru tal-Klima, tal-Enerġija u tal-Bini biss f'Marzu 2011, wara li l-kuntratt kien ġie ffirmat.

(62) Rigward l-indikaturi aktar ġenerali ta' involviment tal-Istat, il-Kummissjoni tinnota li hemm indikaturi fiż-żewġ direzzjonijiet. Filwaqt li Energinet.dk għandu grad għoli ta' indipendenza, l-Istat Daniż jinsab f'pożizzjoni li jeżerċita ċerta influwenza fuq l-operazzjoni ġenerali tal-kumpanija.

(63) Madankollu, fir-rigward tal-konklużjonijiet maħruġa fil-premessi 85 u 86 rigward il-kwistjoni ta' jekk il-miżuri tawx vantaġġ lil DONG Energy u kkostitwixxewx għajnuna mill-Istat, ma hemmx bżonn li tittieħed pożizzjoni definittiva fuq il-kwistjoni ta' imputabbiltà.

5.3. **Eżistenza ta' għajnuna — vantaġġ**

(64) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni esprimiet inċertezza wkoll dwar jekk il-kuntratt iffirmat minn Energinet.dk ma' DONG Energy kienx jirrifletti prezz tas-suq normali għas-servizzi pprovduti, u għalhekk jekk dan tax vantaġġ lil DONG Energy. Fid-dawl tal-kwistjonijiet imqajma mill-BRD b'rabta mar-riżervar tal-kapaċità fil-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt, u tal-ammont ġenerali tal-kapaċità mixtrija minn Energinet.dk mingħand DONG Energy fid-DK2, il-Kummissjoni investigat il-ħtieġa għall-ammont ta' servizzi anċillari mixtrija minn Energinet.dk fid-DK2, id-deċiżjoni ta' Energinet.dk li jinnegozja ma' DONG Energy għall-provvista tas-servizzi meħtieġa, u l-prezz finalment imħallas lil DONG Energy għal dawk is-servizzi.

5.3.1. *Il-ħtieġa għall-ammont ta' servizzi anċillari li Energinet.dk xtara fid-DK2*

(65) Kif spjegat fil-premessi 19, 20, 21 u 41, 600 MW ta' servizzi anċillari kienu meħtieġa minn Energinet.dk fid-DK2, fuq il-bażi ta' riżerva tal-kapaċità tal-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt għat-trasferiment ta' servizzi anċillari bejn id-DK1 u d-DK2 li kienet mistennija tnaqqas il-ħtieġa ġenerali għal servizzi anċillari fid-Danimarka filwaqt li tillimita l-interferenza man-negozjar kummerċjali bejn id-DK1 u d-DK2. Il-BRD iddikjarat li d-daqs tal-kuntratt iffirmat ma' DONG Energy kien konsegwenza tad-deċiżjoni ta' Energinet.dk biex jirriżerva l-kapaċità fil-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt biex l-enerġija titmexxa mid-DK2 għad-DK1, li ġiet approvata mill-Istat Daniż bħala parti mill-applikazzjoni biex tinbena l-konnessjoni. Il-BRD argumentat ukoll li riżerva setgħet ġiet implimentata fid-direzzjoni opposta (biex tmexxi l-enerġija mid-DK1 għad-DK2) jew fiż-żewġ direzzjonijiet, u li din kienet tnaqqas l-ispejjeż tas-servizzi anċillari billi żżid il-kompetizzjoni.

(66) Madankollu, l-iskop ġenerali tal-investiment fil-konnessjoni kien li jittejjeb il-funzjonament tas-suq u li jiġi limitat il-potenzjal tal-parteċipanti fis-suq biex jeżerċitaw saħħa fis-suq minħabba restrizzjonijiet tat-trażmissjoni ([13]). Il-potenzjal ta' ottimizzazzjoni tal-użu tas-servizzi anċillari kien biss wieħed mill-ħafna benefiċċji tal-investiment fil-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt antiċipat mid-Danimarka. Kif ikkonfermat mid-Danimarka, il-potenzjal għall-qsim ta' servizzi ta' riżerva bejn id-DK1 u d-DK2 ma kienx fattur deċiżiv fid-deċiżjoni tal-Gvern biex jawtorizza l-bini tal-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt, u l-potenzjal għall-qsim tas-servizzi ta' riżerva ma ssemmiex direttament fl-approvazzjoni tal-proġett mill-Gvern.

(67) L-evidenza pprovduta mid-Danimarka tissuġġerixxi li, li kieku ġiet implimentata riżerva fid-direzzjoni opposta, din kienet tirriżulta f'domanda tas-suq tal-istess ġurnata ferm aktar spissa minħabba l-bilanċ tal-provvista u tad-domanda fid-DK1 u tad-DK2 u l-fatt li l-elettriku jimxi mid-DK1 għad-DK2 72,7 % tad-drabi. Peress li d-Danimarka uriet li riżerva fid-direzzjoni opposta jew fiż-żewġ direzzjonijiet setgħet tkun mistennija żżid il-livell ta' distorsjoni tas-suq li tirriżulta mir-riżerva tal-kapaċità ta' konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt, il-Kummissjoni tiċħad l-argument tal-ilmentatur li Energinet.dk missu implimenta riżerva tal-kapaċità ta' konnessjoni tat-trażmissjoni taċ-Ċinturin il-Kbir fid-direzzjoni opposta jew fiż-żewġ direzzjonijiet.

(68) Ladarba ġiet ikkonfermata r-riżerva tal-kapaċità, setgħu jiġu determinati r-rekwiżiti għas-servizzi anċillari fid-DK1 u fid-DK2. Bir-riżerva implimentata bejn l-2010 u l-2012, Energinet.dk kien jeħtieġ 600 MW f'servizzi anċillari fid-DK2. Ir-rekwiżit għall-kapaċità fid-DK2 ma nbidilx bit-tħassir tal-iskema għall-kapaċità ta' riżerva fil-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt.

5.3.2. *Id-deċiżjoni ta' Energinet.dk li jinnegozja ma' DONG Energy għall-provvista tas-servizzi meħtieġa*

(69) Fl-2009, qabel ma fetaħ in-negozjati ma' DONG Energy, Energinet.dk ikkummissjona studju tas-suq biex jidentifika l-għażliet potenzjali disponibbli biex jissodisfa l-ħtieġa identifikata għal enerġija ta' riżerva fid-DK2. Ir-riżultati tal-istudju tas-suq tal-2009 ta' Energinet.dk jissuġġerixxu li s-600 MW f'servizzi anċillari mfittxija fid-DK2 ma setgħux jinxtraw mingħajr ma tinxtara tal-anqas parti mill-kapaċità mingħand DONG Energy. L-istudju jikkonkludi li "hu ferm ċar li l-impjanti ta' Kyndby jaqdu rwol assolutament kruċjali għas-sitwazzjoni tar-riżerva fil-Lvant tad-Danimarka, sempliċiment minħabba d-daqs tagħhom."

(70) Aktar speċifikament, dawk is-servizzi anċillari li setgħu jinxtraw mingħand forniturі oħra mhux DONG Energy kienu mistennija li jkunu disponibbli għal prezz relattivament għoli biss. Pereżempju r-rapport isemmi diskussjonijiet mal-iżviluppaturi, wieħed li offra li jibni impjant ġdid ta' 150 MW għal DKK 65 000/MW/xahar għal kuntratt ta' tliet snin, u ieħor li offra li jibni impjant ta' 50 MW għal DKK 50 000/MW/xahar għal kuntratt ta' tliet snin.

(71) Il-BRD iddikjarat li 300 MW setgħu jiġu fornuti minn forniturі oħra li ma kinux DONG Energy fid-DK2, iżda ma pprovdiet ebda evidenza li l-kapaċità ta' 300 MW ulterjuri li kienu jkunu meħtieġa minbarra dawk it-300 MW setgħu jinkisbu b'xi mod ieħor minbarra billi tinxtara kapaċità mingħand DONG Energy, jew billi tiġi skjerata riżerva differenti tal-kapaċità fuq il-konnessjoni ta' trażmissjoni tal-Great Belt.

(72) Minbarra li pprovdiet l-istudju tal-2009 ta' Energinet.dk, id-Danimarka spjegat li għad li madwar 300 MW ta' kapaċità ġdida setgħet tiġi pprovduta fid-DK2, din ma kinitx disponibbli fis-suq fiż-żmien li fih ġie ffirmat ma' DONG Energy, u kienet tieħu sa ħames snin biex tiġi installata. Anki li kieku din il-kapaċità ta' 300 MW kienet disponibbli fis-suq fiż-żmien li fih ġie ffirmat il-kuntratt, ma kienx ikun possibbli li tiġi pprovduta l-kapaċità sħiħa ta' 600 MW meħtieġa fid-DK2 mingħajr ma tinxtara kapaċità mingħand DONG Energy.

(73) Għaldaqstant, fuq il-bażi tal-evidenza pprovduta, il-Kummissjoni tikkonkludi li kien ikun hemm bżonn li jinxtraw servizzi anċillari mingħand DONG Energy biex tinkiseb il-kwantità meħtieġa totali ta' servizzi anċillari fid-DK2. Madankollu, għad hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk sorsi alternattivi b'valur aħjar ta' servizzi anċillari setgħux kienu disponibbli għal Energinet.dk, minbarra l-prezz imħallas lil DONG Energy għas-servizzi anċillari kollha.

5.3.3. *Il-prezz finalment imħallas lil DONG Energy għas-servizzi anċillari fid-DK2*

(74) Energinet.dk xtara 675 MW għas-servizzi anċillari mingħand DONG Energy fid-DK2. Jekk titqies l-eżenzjoni mill-obbligu ta' eżekuzzjoni għall-manutenzjoni, medja ta' 600 MW f'servizzi anċillari kellhom ikunu disponibbli għall-perjodu tal-kuntratt ta' ħames snin. Id-Danimarka pprovdiet dokumenti mingħand Energinet.dk li jispjegaw li l-kapaċità pprovduta mill-impjanti ta' Kyndby u ta' Masnedø ta' DONG Energy kienet disponibbli bi prezz fiss biss indipendentement mill-ammont ta' kapaċità mixtrija.

([13]) Ġunju 2005 "Strateġija 2025 għall-Enerġija" tal-Ministeru Daniż tat-Trasport u tal-Enerġija.

(75) Id-dokumenti pprovduti mid-Danimarka juru li Energinet.dk argumenta fin-negozjati ma' DONG Energy li l-ispejjeż għandhom jitnaqqsu *pro rata* jekk tinxtara kapaċità ta' 600 MW minflok il-kapaċità ta' 675 MW li Energinet.dk eventwalment daħal għaliha fil-kuntratt. Madankollu, dawn l-isforzi ġew imrażżna minn DONG Energy minħabba l-ispejjeż fissi għoljin assoċjati mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-kapaċità tas-servizzi anċillari, li ma jinbidlux f'każ li tiġi kkuntrattata anqas kapaċità.

(76) DONG Energy irċiviet massimu ta' DKK 957 481 000 taħt il-kuntratt — li jinkludu l-kumpens addizzjonali għat-taxxi miżjuda fuq l-NOx. Dan ifisser DKK 24 178/MW/xahar għal 660 MW f'servizzi anċillari (il-kapaċità disponibbli wara li titqies l-eżenzjoni mill-obbligu ta' eżekuzzjoni għall-manutenzjoni). Jekk dan jiġi kkalkolat fuq il-bażi tar-rekwiżit ta' 600 MW ta' Energinet.dk, dan ifisser DKK 26 597/MW/xahar.

(77) L-informazzjoni pprovduta minn DONG Energy tissuġġerixxi li l-prezz imħallas għas-servizzi anċillari fid-DK2 kien anqas mill-prezzijiet imħallsa għal servizzi simili mit-TSOs fl-Irlanda u fir-Renju Unit. Il-Kummissjoni ssib li l-prezzijiet tal-Ingilterra u tal-Irlanda ma jistgħux jitqiesu bħala parametru referenzjarju xieraq għall-valutazzjoni tal-prezz imħallas lil DONG Energy, peress li jista' jkun hemm diversi raġunuijiet għaliex il-prezzijiet għas-servizzi anċillari jvarjaw b'mod sinifikanti fi swieq differenti, pereżempju, skont il-livelli ta' provvista u ta' domanda lokali u l-arranġamenti lokali speċifiċi għall-ikkuntrattar ta' servizzi anċillari, u DONG Energy ma ssostanzjatx għaliex il-prezzijiet fl-Ingilterra u fl-Irlanda jkunu rilevanti u jipprovdu parametru referenzjarju xieraq għall-valutazzjoni tal-livell tas-suq tal-prezz tal-kuntratt.

(78) DONG Energy uriet ukoll li l-prezz li rċiviet kien anqas mill-prezzijiet imħallsa għas-servizzi anċillari fid-DK1 fl-2007. Madankollu, kif innotat mill-BRD, il-prezz li rċiviet DONG Energy kien ferm ogħla mill-prezzijiet imħallsa għas-servizzi anċillari fid-DK1 fl-2011. Il-prezzijiet fid-DK1 fl-2011 setgħu tnaqqsu wara t-tibdil fl-2007 minn irkant tas-suq tar-riżervi ta' xahar bil-quddiem għal ġurnata bil-quddiem li żied il-kompetizzjoni fl-akkwist tas-servizzi anċillari. Is-sitwazzjoni tal-provvista u tad-domanda tista' tkun differenti wkoll fid-DK1 meta mqabbla mad-DK2. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ssib li la l-prezz tal-2007 fid-DK1, u lanqas il-prezz tal-2011 fid-DK1 m'għandhom jiġu kkunsidrati bħala parametru referenzjarju xieraq għall-valutazzjoni tal-prezz imħallas lil DONG Energy għal servizzi anċillari fid-DK2 bejn l-2011 u l-2015.

(79) Il-BRD argumentat li t-300 MW f'servizzi anċillari li BRD qalet li setgħu ġew ipprovduti fid-DK2 mingħand fornituri oħra li mhumiex DONG Energy, setgħu jiġu pprovduti għal bejn DKK 450 u 750 miljun. Dan ifisser bejn DKK 25 000 u 41 667/MW/xahar — li jissuġġerixxi li b'mod ġenerali l-ispejjeż għal din il-kapaċità ta' 300 MW kienu jkunu ogħla mill-ispejjeż għall-kapaċità ta' 300 MW li Energinet.dk ikkuntratta mingħand DONG Energy, li ammontaw għal DKK 26 597/MW/xahar (għal 600 MW).

(80) Barra minn hekk, għad li d-Danimarka spjegat li fil-fatt jaf ma kinux disponibbli fil-ħin biex jipprovdu kapaċità minn Jannar 2011, il-Kummissjoni tinnota li l-istudju tal-2009 ta' Energinet.dk identifika żewġ proġetti potenzjali ġodda b'total ta' 200 MW li setgħu jinbnew li kieku ngħataw kuntratti ta' tliet snin ma' Energinet.dk. Jekk l-ispejjeż jiġu kkalkolati fuq ħames snin minflok tlieta — billi jiġi supponut il-prezz sħiħ indikat għall-kuntratti ta' tliet snin mifrux fuq ħames snin (għad li l-ispejjeż jaf kienu jiżdiedu minħabba perjodu itwal li jġarrab spejjeż fissi li kien ikollhom jiġu rkuprati) — kapaċità ta' 150 MW kienet potenzjalment disponibbli għal DKK 39 000/MW/xahar, u 50 MW oħra għal DKK 30 000/MW/xahar. Dawn l-ispejjeż indikattivi t-tnejn kienu ogħla mill-prezz li Energinet.dk ħallas lil DONG Energy.

(81) Finalment, il-BRD iddikjara wkoll li l-penali għal nuqqas ta' provvista speċifikati fil-kuntratt ma' DONG Energy jaf ma kinux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż addizzjonali mġarrba minn Energinet.dk meta dan kellu jikseb kapaċità alternattiva. Id-Danimarka spjegat li l-penali kienu suffiċjenti: fl-2014, il-penali imposti fuq DONG Energy kienu ta' DKK [50-70]/MW, u kapaċità alternattiva ġiet ikkuntrattata bi spiża medja ta' DKK 58/KW.

(82) Jekk jittieħdu bħala parametru referenzjarju l-prezzijiet mitluba minn fornituri alternattivi potenzjali ta' servizzi anċillari li ġew identifikati mill-BRD u minn Energinet.dk, il-Kummissjoni tinnota li dawn il-prezzijiet kienu ogħla mill-prezz imħallas lil DONG Energy. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li Energinet.dk kiseb prezz kompetittiv — aħjar mill-alternattivi disponibbli — għas-servizzi anċillari meħtieġa fid-DK2.

5.3.4. *Il-profittabilità tal-kuntratt għal DONG Energy*

(83) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset l-impatt tal-prezz kompetittiv miksub fuq ir-redditu taħt il-kuntratt. Fid-dawl tal-pożizzjoni ta' DONG Energy bħala fornitur "kruċjali" ta' servizzi anċillari fid-DK2, jaf kien hemm il-potenzjal għal eżerċizzju tas-saħħa tas-suq fin-negozjati ma' Energinet.dk. Għaldaqstant, il-Kummissjoni investigat ukoll il-potenzjal li DONG Energy irċiviet profitt żejjed minħabba l-pożizzjoni tagħha fis-suq.

(84) Id-dokumenti pprovduti mid-Danimarka jindikaw li, fuq il-bażi tal-prezzijiet innegozjati finali, DONG Energy kellha tagħmel [1-7] % profitt mill-kuntratt għas-servizzi anċillari. Din ir-rata ta' redditu tqabblet mar-redditu li sar minn bond tal-gvern li seta' kien disponibbli bħala investiment alternattiv. Ir-rendita fuq bonds tal-Gvern Daniż fuq ħames snin f'Diċembru 2010 kellha medja ta' 2,13 %. Fid-dawl tar-riskji li DONG Energy ġarrbet b'rabta mal-iżgurar tal-operazzjoni affidabbli tal-impjanti li jipprovdu s-servizzi anċillari, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-livell ta' profitt ta' [1-7] % kien raġonevoli b'kunsiderazzjoni tar-redditu ta' 2,13 % fuq bond tal-gvern fuq ħames snin.

5.3.5. *Konklużjoni*

(85) Energinet.dk studja s-sitwazzjoni tal-provvista fis-suq fl-2009, filwaqt li fittex li jidentifika l-għażliet kollha għax-xiri tas-servizzi anċillari neċessarji. Minbarra li ddetermina l-ispiża possibbli tal-kuntratti ma' forniturі alternattivi għal DONG Energy, dan l-istudju kkonferma li ma kienx hemm biżżejjed kapaċità disponibbli, għajr mingħand DONG Energy, biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' Energinet.dk. Dan il-fatt hu kkonfermat mill-ilmentatur, peress li l-BRD tiddikjara li nofs biss mill-kapaċità meħtieġa setgħet tiġi pprovduta minn forniturі oħra għajr DONG Energy. Permezz tan-negozjati tiegħu ma' DONG Energy, Energinet.dk.kiseb prezz orħos mill-prezzijiet ta' referenza identifikati fl-istudju tas-suq ta' Energinet.dk.u prezz orħos mill-prezzijiet li bihom l-ilmentatur jissuġġerixxi li seta' jiġi pprovdut investiment potenzjali ġdid ta' 300MW fid-DK2. Energinet.dk irnexxielu jikseb ukoll prezz li llimita l-profitt ta' DONG Energy għal [1-7] %, li hu raġonevoli.

(86) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li Energinet.dk aġixxa bħala investitur prudenti tas-suq, u li l-kuntratt ma tax vantaġġ lil DONG Energy li kapaċi jiġi kkategorizzat bħala għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6. **KONKLUŻJONI**

(87) Il-Kummissjoni ssib li, peress li l-kuntratt bejn Energinet.dk u DONG Energy ma jissodisfax il-kundizzjonijiet kumulattivi kollha tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, dan ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kuntratt tal-21 ta' Diċembru 2010 bejn Energinet.dk u DONG Energy ma jikkostitwixxix għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2016.

Għall-Kummissjoni

Margrethe VESTAGER

Membru tal-Kummissjoni